MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 397/2005

**Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta' estera *Federal-Mogul Aftermarket UK Limited***

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u PL Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati bix jirrapprezentaw lil *XXX9999 Baghdad Majli Nador (Morocco)*, nominati b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Mejju, 2005**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur *nomine* fis-26 ta' April, 2005, li *in forza* taghha wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici *Federal-Mogul Aftermarket UK Limited*, ta' P.O. Box 10 Legrams Lane, Bradford West Yorkshire,

DB17 1NQ, tal-Ingilterra hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju *“AE”* liema markju huwa wzat mis-socjeta’ attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal cineg tal-magni tal-karozzi u vetturi ohra, u prodotti ohra li ghandhom x’jaqsmu ma’ vetturi u ingenji industrijali, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument *“A”* u *“B”*;

Is-socjeta’ attrici hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markju *“AE”* li huwa rregistrat f’Malta taht *Trademark No.* 14149 u *Trademark No.* 14150, fir-Registru tal-Markji (kif muri f’Dok *“A”* u f’Dok *“B”*), *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Jirrizulta li fit-3 ta’ Marzu, 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vaput *MV “MONTE CERVANTES”*, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *‘Synchronous Belts’* li jgibu fuqhom il-markju *“AE”* liema konsenja tikkonsisti f’disat-elef u disgha mitt (9,900) bicca, b’*Container* Nru. **GESU4445745** u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Mill-Polza ta’ Kargu Numru CHN351816 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti *‘Synchronous Belts’ in kwistjoni* huma ndikati bhala *XXX9999 Baghdad Majli Nador (Morocco)*, mentri jirrizulta li d-dettalji tas-*Shipper* huma CHN9972 *Sino Option Ltd*;

Id-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Dawn is-*‘Synchronous Belts’ in kwistjoni* jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici, skond l-Artiklu 2(1)(a) (i) u (iii), tal-KAP. 414, li favur taghha huwa rregistrat il-markju *“AE”*, billi instab illi dawn l-istess *‘Synchronous Belts’* huma prodotti ffalsifikati

skond l-analizi li ghamlet is-socjeta' attrici (ara rapport ta' analizi mmarkat bhala Dokument *"C"*);

Din il-konsenja ta' *'Synchronous Belts'* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-*'New Port Bonded Stores'*, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok *"E"*);

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-*'Synchronous Belts' in kwistjoni* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. Tiddikjara illi tali *'Synchronous Belts'* iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414 fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numri 14149 u 14150 tal-Markju *"AE"*;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja *'Synchronous Belts'* iffalsifikati li tikkonsisti f'disat elef u disgha mitt (9,000) bicca, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi s-*'Synchronous Belts' in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri

Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta' attrici;

6. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-*'Synchronous Belts' in kwistjoni*, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-25 ta' Mejju, 2005, li *in forza* tieghu inhatru l-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha ecepew illi huma m'humiex edatti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkunu edotti minn dawn il-fatti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta nkontrastat li s-socjeta' attrici kif rappresentata mill-Avukat Dottor David Tonna hija proprjetarja ta' diversi marki, fosthom il-markju *"AE"*. Hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-markju *"AE"* li fil-komplessita' huwa registrat Malta taht *Trademark* numri 14149 u 14150 fir-Registru tal-Marki.

Illi fit-3 ta' Marzu, 2005, dahlet gewwa Malta gol-*container* numru *GESU 4445745* il-vapur *MV "Monte Cervantes"*, konsenja ta' 610 kaxxa *'auto parts'* ossija 9900 bicca, li min analizi li sar fuqhom min *Anthony C. Meade – King, Commercial and Marketing Director* tas-socjeta' attrici jirrizulta li kienu foloz u li, konsegwentement, kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Dawn il-fatti gew konfermati ukoll minn George Agius, li huwa *Inspector Custom Enforcement Unit* li semma li wara li dahal il-vapur f'Malta, dan il-*container* kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ittiehdu kampjuni biex jigu analizzati.

Fil-fatt, meta jitqiesu l-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzzjonijiet li gejjin:

(a) il-kumpannija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

(b) illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

(c) li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jikser il-jeddijiet tal-kumpanija attrici;

(d) jidher li l-kumpanija attrici wettqet ukoll l-obbligu taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

(e) it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

(f) il-falsita' tal-imsemmija oggetti tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kontatazzjonijiet

ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpannija attrici kellha ragun temmen li l-'*autoparts',* partikolarment *'Synchronous Belts' in kwistjoni*, li ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-*'Synchronous Belts' in kwistjoni* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. Tiddikjara illi tali *synchronous belts* ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414 fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numri 14149 u 14150 tal-markju *"AE"*;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja *synchronous belts* ffalsifikati li tikkonsisti f'9900 bicca, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' attrici *a bazi* tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex fi zmien hmistax-il jum tax-xoghol millum

jiddistruggu s-*synchronous belts in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ konvenuta, skond l-Artikolu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-*synchronous belts in kwistjoni*, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta’ attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta, b’dan l-provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur *nomine.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------